



**Kumitat Ewropew  
tar-Reġjuni**

**Regolament tal-Bureau Nru 3914  
tad-19 ta' Novembru 2024  
dwar ir-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-ħlas tal-indennizzi lill-membri, lis-sostituti u  
persuni oħra li jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni**

IL-BUREAU TAL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea<sup>1</sup> (minn hawn 'il quddiem "it-Trattat"), u b'mod partikolari l-Artikoli 305, 306 u 307 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni)<sup>2</sup> (ir-"Regolament Finanzjarju") u b'mod partikolari l-Artikoli 238 u 240 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni<sup>3</sup> ("ir-Regoli ta' Proċedura"), u b'mod partikolari l-Artikoli 6, 37, 39, 40, 43, 62, 64, 71, 75, 82, 83 u 85 tagħhom,

Wara li kkunsidra r-Regolament Nru 12/2007 tal-Bureau tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni tas-17 ta' Diċembru 2007 dwar l-iffinanzjar tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-akkomodazzjoni tal-ġurnalisti mistiedna jattendu l-attivitajiet tal-Kumitat tar-Reġjuni ("ir-Regolament tal-Bureau Nru 12/2007"),

Wara li kkunsidra r-Regolament Nru 8/2017 tal-Bureau tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni tad-9 ta' Ottubru 2017 dwar ir-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-ħlas tal-indennizzi fissi għall-vjaġġi u l-laqgħat tal-membri u s-sostituti tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni ("ir-Regolament tal-Bureau Nru 8/2017"), kif emendat<sup>4</sup>,

Wara li kkunsidra r-Regolament Nru 9/2017 tal-Bureau tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni tad-29 ta' Novembru 2017 dwar ir-rimborż ta' spejjeż tal-ivvjaġġar u ħlas tal-indennizzi fissi ta'

---

<sup>1</sup> [ĠU C 202](#), 7.6.2016, p. 47.

<sup>2</sup> ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>.

<sup>3</sup> [ĠU L, 2024/2142](#), 14.8.2024, p.1, ELI: [http://data.europa.eu/eli/proc\\_rules/2024/2142/oj](http://data.europa.eu/eli/proc_rules/2024/2142/oj).

<sup>4</sup> Ir-Regolament Nru 20/2020 tal-Bureau tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni tad-9 ta' Ottubru 2020 li jemenda r-Regolament Nru 8/2017 tad-9 ta' Ottubru 2017 dwar ir-rimborż ta' spejjeż tal-ivvjaġġar u l-ħlas tal-indennizzi fissi għall-ivvjaġġar u l-laqgħat għall-membri u s-sostituti tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni u r-Regolament Nru 2/2018 dwar ir-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-ħlas tal-indennizzi fissi tal-ivvjaġġar u tal-laqgħat tal-esperti tar-relaturi u tal-kelliema li jieħdu sehem fl-attivitajiet tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni ("ir-Regolament Nru 20/2020").

sussistenza għall-partijiet terzi li jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni (“ir-Regolament tal-Bureau Nru 9/2017”),

Wara li kkunsidra r-Regolament Nru 2/2018 tal-Bureau tal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni tat-30 ta’ Jannar 2018 dwar ir-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-ħlas tal-indennizzi fissi tal-ivvjaġġar u tal-laqgħat tal-esperti tar-relaturi u tal-kelliema li jieħdu sehem fl-attivitajiet tal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni (“ir-Regolament tal-Bureau Nru 2/2018”), kif emendat<sup>5</sup>,

Wara li kkunsidra r-Regolament Nru 5/2018 tal-Bureau tal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni tat-8 ta’ Ottubru 2018 dwar il-laqgħat u l-attivitajiet tal-membri tal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni,

Wara li kkunsidra r-Regolament Nru 5/2023 tal-Bureau tal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni tal-4 ta’ Lulju 2023 li jħassar u jissostitwixxi r-Regolament Nru 3/2021 tal-Bureau tal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni tat-2 ta’ Frar 2021 dwar il-ħlas ta’ indennizz fiss għall-parteċipazzjoni f’laqgħa mill-bogħod għall-membri u għas-sostituti b’mandat kif dovut tal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni u għall-esperti tar-relaturi u għall-kelliema mistiedna jattendu laqgħat mill-bogħod jew laqgħat ibridi mill-bogħod (“ir-Regolament tal-Bureau Nru 5/2023”),

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Bureau Nru 440/2024 tat-30 ta’ Jannar 2024 dwar l-aġġustament annwali tal-indennizzi pagabbli lill-persuni li jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni (“Deċiżjoni tal-Bureau Nru 440/2024”),

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Bureau Nru 7/2021 tat-2 ta’ Frar 2021 dwar ir-regoli finanzjarji interni għall-implimentazzjoni tat-taqsim tal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea, kif emendata<sup>6</sup>,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 204/2018 tas-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni tat-28 ta’ Novembru 2018 dwar id-dispożizzjonijiet ta’ implimentazzjoni għar-Regolamenti Nru 8/2017, Nru 9/2017 u Nru 2/2018 tal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni (“id-Deċiżjoni tas-SĠ Nru 204/2018”), kif emendata<sup>7</sup>,

#### Billi:

- (1) Il-Kumitat Ewropew tar-Regġuni (“il-Kumitat”) jorganizza (b’mod konġunt) attivitajiet biex iwettaq il-missjoni fdata lilu mit-Trattat, inkluż billi jippermetti lill-membri u lis-sostituti tiegħu jwettqu d-dmirijiet li nħatru għalihom mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea;

---

<sup>5</sup> Ir-Regolament Nru 20/2020 tal-Bureau tal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni tad-9 ta’ Ottubru 2020 li jemenda r-Regolament Nru 8/2017 tad-9 ta’ Ottubru 2017 dwar ir-rimborż ta’ spejjeż tal-ivvjaġġar u l-ħlas tal-indennizzi fissi għall-ivvjaġġar u l-laqgħat għall-membri u s-sostituti tal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni u r-Regolament Nru 2/2018 dwar ir-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-ħlas tal-indennizzi fissi tal-ivvjaġġar u tal-laqgħat tal-esperti tar-relaturi u tal-kelliema li jieħdu sehem fl-attivitajiet tal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni (“ir-Regolament Nru 20/2020”).

<sup>6</sup> Id-Deċiżjoni Nru 21/2022 tat-28 ta’ Ġunju 2022 li temenda d-Deċiżjoni Nru 7/2021 tal-Bureau tal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni tat-2 ta’ Frar 2021 dwar ir-regoli finanzjarji interni għall-implimentazzjoni tat-taqsim tal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

<sup>7</sup> Id-Deċiżjoni Nru 147/2020 tas-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni tat-23 ta’ Ottubru 2020 li temenda d-Deċiżjoni Nru 204/2018 tat-28 ta’ Novembru 2018 dwar id-dispożizzjonijiet ta’ implimentazzjoni għar-Regolamenti Nru 8/2017, Nru 9/2017 u Nru 2/2018 tal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni (“id-Deċiżjoni Nru 147/2020”).

- (2) Dawn l-attivitajiet, li jattendu għalihom varjetà ta' parteċipanti, jipprovdu opportunitajiet uniċi biex jiġu involuti l-awtoritajiet reġjonali u lokali kif ukoll l-imsieħba, il-partijiet ikkonċernati u l-esperti rilevanti fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Unjoni;
- (3) Huwa adegwat li jiġu stabbiliti regoli ġenerali li jirregolaw l-ġħoti ta' appoġġ finanzjarju lill-partiċipanti msemmija hawn fuq bil-ġħan li dawn ikunu jistgħu jattendu u jikkontribwixxu għall-attivitajiet tal-Kumitat;
- (4) Huwa adegwat li jiġu aġġornati u ssemplifikati r-regoli speċifiċi fis-seħħ bħalissa dwar kull kategorija ta' tali partiċipanti, u li dawn jiġu kkonsolidati f'att wieħed;
- (5) Meta japprovaw l-attenzenza ta' partiċipant f'attività eliġibbli, l-Uffiċjali Awtorizzanti b'delega u b'sottodelega għandhom jibqgħu jagħtu attenzjoni għall-interessi u għall-obbligi finanzjarji tal-Kumitat kif ukoll għar-riżorsi baġitarji rilevanti allokat;
- (6) Ir-Regolamenti tal-Bureau Nru 12/2007, Nru 8/2017, Nru 9/2017, Nru 2/2018 u Nru 5/2023 kif ukoll id-Deċiżjoni tal-Bureau Nru 440/2024 għandhom jiġħassru, u d-Deċiżjoni tas-SĠ Nru 204/2018, kif emendata, ma għandux jibqā jkollha effett;

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

<b>TITOLU I</b> <b>PRINĊIPJI ĠENERALI</b>
--

*Artikolu 1*

**Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli ġenerali li jirregolaw ir-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-ħlas ta' indennizzi lil persuni li huma mistiedna għal attivitajiet eliġibbli tal-Kumitat u li jipparteċipaw fihom.

*Artikolu 2*

**Benefiċjarji**

1. Għal dan ir-Regolament, "benefiċjarju" tfisser kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:
  - (a) membru skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tar-Regoli ta' Proċedura li huwa intitolat li jattendi għal attività eliġibbli ("membru");
  - (b) sostitut skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tar-Regoli ta' Proċedura li huwa intitolat li jattendi għal attività eliġibbli ("sostitut b'mandat kif dovut");
  - (c) osservatur tal-Kumitat skont it-tifsira tal-Artikolu 82 tar-Regoli ta' Proċedura li huwa intitolat li jattendi għal attività eliġibbli ("osservatur");
  - (d) persuna li tassisti lil relatur fit-tnejjja jew fis-segwitu tal-Opinjoni tal-Kumitat tiegħu skont it-tifsira tal-Artikolu 64 tar-Regoli ta' Proċedura ("espert tar-relatur");
  - (e) persuna, għajr membru jew sostitut b'mandat kif dovut, li tkun mistiedna jew mill-President tal-Kumitat ("il-President"), mill-president ta' grupp politiku, mill-president ta' kummissjoni jew mis-CFAA, jew mis-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat ("is-Segretarju Ġenerali") biex tagħmel diskors fil-kuntest tal-partiċipazzjoni tagħha f'attività eliġibbli ("kelliem mistieden");
  - (f) persuna, għajr dawk imsemmija hawn fuq, li jew tipparteċipa f'attività fil-kapaċità tagħha bħala membru estern maħtur fl-ARLEM jew fil-CORLEAP, jew li tipparteċipa f'attività bħala

Politiku Elett Żagħżuġh (YEP) u tiġi mistiedna b'dak it-titolu mill-Kumitat, jew li tipparteċipa f'attività bħala rappreżentant tan-Network Ewropew ta' Kunsilliera Reġjonali u Lokali tal-Kumitat u tiġi mistiedna b'dak it-titolu mill-Kumitat, jew persuna li, f'ċirkostanzi debitament ġustifikati, tkun awtorizzata tipparteċipa bħala tali mill-President, mill-president ta' grupp politiku jew mill-president ta' kummissjoni ("parti terza");

- (g) persuna, għajr dawk imsemmija hawn fuq, li tkun mistiedna jew mis-Segretarju Ġenerali jew mid-Direttur għall-Komunikazzjoni, jew mis-segretarjat ta' grupp politiku, biex tipparteċipa f'attività fil-kapaċità tagħha bħala membru ċertifikat tal-professjoni ġurnalistika ("ġurnalist");

2. Dan ir-Regolament jista' japplika b'analoġija għal persuni li mhumiex imsemmija fil-paragrafu 1, meta att adottat mill-Bureau tal-Kumitat jipprevedi dan. Id-deċiżjoni tal-Bureau għandha tispeċifika taħt liema kategorija dawn il-persuni għandhom jiġu rimborżati.

### *Artikolu 3*

#### **Attivitajiet eliġibbli**

Għal dan ir-Regolament, "attività eliġibbli" tfisser kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

- (a) laqgħa tal-Assemblea Plenarja, tal-Bureau, tal-Konferenza tal-Presidenti u tal-kummissjonijiet;
- (b) laqgħa tal-Kummissjoni Konsultattiva dwar l-Affarijiet Finanzjarji u Amministrattivi<sup>8</sup> (CFAA);
- (c) laqgħa ta' grupp politiku tal-Kumitat, inklużi dawk tal-Bureau tiegħu;
- (d) laqgħa ta' grupp ta' ħidma tal-membri tal-Bureau jew ta' kummissjoni<sup>9</sup>;
- (e) laqgħa ta' grupp ta' ħidma jew kumitat konġunt ma' pajjiż applikant li fih jipparteċipaw il-membri tal-Kumitat<sup>10</sup>;
- (f) laqgħa ta' korp politiku ieħor li fih jipparteċipaw il-membri tal-Kumitat, inklużi l-Assemblea Reġjonali u Lokali Ewro-Mediterranja (ARLEM) u l-Konferenza tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali għas-Sħubija tal-Lvant (CORLEAP);
- (g) laqgħa ta' grupp ta' esperti stabbilit mill-Kumitat;
- (h) laqgħa jew avveniment, għajr dawk imsemmija hawn fuq, li hija organizzata b'mod konġunt mill-Kumitat, inkluż iżda mhux limitat għal fora, dibattiti, konferenzi, wirjiet, seminars, żjarat ta' studju u laqgħat jew avvenimenti ma' msieħba jew partijiet ikkonċernati;
- (i) laqgħa jew avveniment, għajr dawk imsemmija hawn fuq, li jiġu organizzati minn parti oħra u li jkunu ta' interess partikolari għall-ħidma tal-Kumitat, inklużi laqgħat ta' gruppi ta' esperti esterni li jinvolvu rappreżentanti maħtura mill-Kumitat;
- (j) laqgħa organizzata minn familja politika Ewropea li jkunu ġew mistiedna għaliha l-membri tal-Kumitat fir-rigward tal-funzjoni tagħhom fil-grupp politiku tal-Kumitat;
- (k) laqgħa jew avveniment, għajr dawk imsemmija hawn fuq, li għalihom l-attendenza tal-parteċipant tkun iġġustifikata mill-fatt li tkun relatata direttament mat-tnejjja jew mas-segwitu

<sup>8</sup> Kif imsemmi fl-Artikolu 40 tar-Regoli ta' Proċedura.

<sup>9</sup> Kif imsemmi fl-Artikolu 37(e) u l-Artikolu 63 tar-Regoli ta' Proċedura.

<sup>10</sup> Kif imsemmi fl-Artikolu 37(j) tar-Regoli ta' Proċedura.

tal-Opinjoniġiet tal-Kumitat jew l-opportunità li tiġi ppubblikata l-ħidma tal-Kumitat (“preżenza individwali”);

#### *Artikolu 4* **Definizzjonijiet**

Għal dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) “post tal-attività” tfisser il-post fiżiku li fih isseħħ l-attività;
- (b) “attendenza fiżika” tfisser sitwazzjoni fejn il-parteċipant jattendi l-attività eliġibbli fiżikament;
- (c) “attendenza mill-bogħod” tfisser sitwazzjoni fejn il-parteċipant jattendi l-attività eliġibbli mill-bogħod permezz ta’ konferenza fuq il-web jew kwalunkwe mezz ieħor ta’ komunikazzjoni online simultanja;
- (d) “vjaġġ” tfisser l-ivvjaġġar kollu li jsir minn parteċipant biex jattendi attività jew diversi attivitajiet mill-punt ta’ oriġini sal-post(ijiet) tal-attività u lura;
- (e) “punt ta’ oriġini” tfisser il-post minn fejn il-benefiċjarju jibda l-vjaġġ tiegħu jew lejn fejn jirritorna. Jista’ jkun il-post ta’ residenza tal-benefiċjarju jew post ieħor;
- (f) “Punt Uniku ta’ Servizz” tfisser id-dipartiment iddiżinjat biex jitratta l-informazzjoni tal-Membri fis-segretarjat ġenerali tal-Kumitat.

#### *Artikolu 5* **Nonkumulazzjoni**

1. L-attendenza f’diversi attivitajiet eliġibbli fl-istess jum jew f’jiem konsekuttivi tintitola lill-benefiċjarju għal rimborż wieħed tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u ħlas tal-indennizz tal-ivvjaġġar korrispondenti, u indennizz wieħed għall-parteċipazzjoni f’laqgħa kuljum, irrispettivament mill-għadd reali jew mill-post tal-attivitajiet eliġibbli li jkunu attendew għalihom matul dak il-perjodu.
2. Fil-jiem kemm b’attendenza fiżika kif ukoll mill-bogħod, għandu jitħallas biss l-indennizz għall-parteċipazzjoni f’laqgħa.
3. L-attivitajiet rimborżati minn parti oħra mhux se jerġgħu jiġu rimborżati mill-Kumitat. Il-benefiċjarji għandhom jiddikjaraw kwalunkwe kontribuzzjoni minn partijiet oħra għall-ivvjaġġar u għall-akkomodazzjoni fil-formola tat-talba (elettronika) tagħhom. Dawn l-ammonti se jitnaqqsu mir-rimborż tal-Kumitat. Jekk benefiċjarju jirċievi kontribuzzjonijiet finanzjarji minn parti oħra wara li jiġi rimborżat mill-Kumitat, huwa għandu jinforma minnufih lis-Servizz Finanzjarju tal-Kumitat u jirritorna r-rimborż li jkun irċieva, sal-ammont riċevut mill-parti l-oħra.
4. Meta benefiċjarju jattendi attività eliġibbli u diġà jirċievi kumpens (fiss) mill-Kumitat abbażi ta’ Regolament jew Deċiżjoni oħra, dak l-ammont se jitnaqqas mill-ħlas li normalment jirċievi skont dan ir-Regolament.
5. Is-sostituti jew is-supplenti b’mandat kif dovut għandhom l-istess intitolamenti bħall-membri meta jkunu qed jissostitwuhom. Madankollu, għal laqgħat ta’ diversi ġranet (bħal sessjonijiet plenarji jew laqgħat esterni b’rabta ma’ seminar jew żjara ta’ studju), se jitħallas rimborż wieħed biss tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u indennizz wieħed tal-ivvjaġġar, jew lill-membri jew lis-sostitut<sup>11</sup>. Sakemm il-membri ma jindikax mod ieħor, dawn se jitħallsu lill-membri.

---

<sup>11</sup> Kif imsemmi fl-Artikolu 6(6) tar-Regoli ta’ Proċedura.

- Il-membri u s-sostituti b'mandat kif dovut li jipparteċipaw f'laqgħa ta' grupp politiku jew tal-bureau tiegħu li ssir fil-qafas ta' sessjoni plenarja, laqgħa tal-bureau tal-Kumitat jew laqgħa tal-kummissjoni għandhom ikunu intitolati biss għar-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar tagħhom u għall-ħlas tal-indennizzi tagħhom meta jipparteċipaw f'din tal-aħħar ukoll.
- Ir-regola fil-paragrafu 5 ma tapplikax għar-relaturi sostituti li jattendu laqgħat jew attivitajiet f'dik il-funzjoni.

#### *Artikolu 6*

### **Impronta ambjentali**

Il-benefiċjarji għandhom jimminimizzaw l-impronta ambjentali tagħhom billi jużaw l-aktar mezzi tat-trasport li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent. Il-membri, is-sostituti u l-osservaturi huma mħeġġa jużaw il-klassi economy(flex) għal titjiriet iqsar minn 4 sigħat.

## **TITOLU II**

### **RIMBORŻ TAL-ISPEJJEŻ U L-ĦLAS TAL-INDENNIZZI**

#### **Taqsim A: Dispożizzjonijiet Komuni**

#### *Artikolu 7*

### **Intitolamenti**

- Il-membri, is-sostituti b'mandat kif dovut u l-osservaturi huma intitolati għar-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar tagħhom skont l-Artikoli 11-13, il-ħlas ta' indennizz għall-parteeċipazzjoni f'laqgħa skont l-Artikoli 14-16 u indennizz tal-ivvjaġġar skont l-Artikoli 17-19.
- L-esperti u l-kelliema mistiedna huma intitolati għar-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar tagħhom skont l-Artikoli 11-13 u l-ħlas ta' indennizz għall-parteeċipazzjoni f'laqgħa skont l-Artikoli 14-16 u indennizz tal-ivvjaġġar skont l-Artikoli 17-19.
- Il-partijiet terzi huma intitolati għar-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar tagħhom skont l-Artikoli 11-13 u l-ħlas ta' indennizz għall-parteeċipazzjoni f'laqgħa skont l-Artikoli 14-16.
- Għall-ġurnalisti, il-Kumitat għandu jkopri l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tal-akkomodazzjoni tal-benefiċjarju direttament sal-limitu massimu għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar stabbilit fl-Artikolu 12 u l-ippjanar baġitarju annwali għall-ispejjeż tal-akkomodazzjoni deċiż mid-Direttorat għall-Istampa u l-Komunikazzjoni tal-Kumitat għal dan l-għan. Huma ma għandhomx ikunu intitolati għal rimborż individwali tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar tagħhom jew għall-ħlas ta' indennizzi.
- F'ċirkostanzi eċċezzjonali u debitament ġustifikati abbażi ta' deċiżjoni tal-Bureau, wara konsultazzjoni mas-CFAA, il-Kumitat għandu jkopri l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tal-akkomodazzjoni tal-benefiċjarju direttament. Dawn il-benefiċjarji ma għandhomx ikunu intitolati għar-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar jew għall-ħlas ta' indennizzi.

#### *Artikolu 8*

### **Rekwiżiti**

- Qabel ma jattendu attività eliġibbli li għaliha beħsiebhom jitolbu rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u/jew il-ħlas ta' indennizzi, il-benefiċjarji jeħtieġu approvazzjoni mill-Uffiċjal Awtorizzanti b'sottodelega. Dan isir permezz ta' Nota lill-Uffiċjal Awtorizzanti (NAO) iffirmata, flimkien mad-

dokumentazzjoni ta' sostenn kollha meħtieġa, jew impenn legali u baġitarju simili, imħejjija u ppreżentata lill-Uffiċjal Awtorizzanti b'sottodelega mis-servizz tal-Kumitat inkarigat mill-organizzazzjoni (konġunta) tal-attività. Din l-approvazzjoni bil-miktub minn qabel mhijiex meħtieġa għall-membri maħtura kif dovut jew għas-sostituti b'mandat kif dovut li jattendu waħda mill-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 3(a) sa (e).

2. Il-benefiċjarji għandhom jiżguraw li l-preżenza tagħhom tkun debitament irreġistrata fis-sistema rilevanti b'firma, meta din tiġi pprovduta<sup>12</sup>. Benefiċjarju li jonqos milli jiffirma għandu juri li attenda għall-attività permezz ta' kwalunkwe mezz alternattiv meqjus adegwat mill-Uffiċjal Awtorizzanti b'sottodelega.
3. Il-benefiċjarji għandhom jippreżentaw il-formola standard maħruġa mill-Kumitat ("formola tat-talba") mimlija, datata u ffirmata kif dovut. Din il-formola tinkludi dikjarazzjoni formali tal-ispejjeż imġarrba u kwalunkwe pagament riċevut jew mistenni minn partijiet oħra. Il-benefiċjarji kollha għandhom, jekk applikabbli, jużaw l-għodda online apposta għas-sottomissjoni tat-talbiet tagħhom.
4. It-talbiet li jirrikjedu biljetti jew dokumenti ta' sostenn oħra ma jistgħux jiġu pproċessati mingħajrhom. It-talbiet kompluti ppreżentati fi żmien ġimagħtejn wara l-laqgħa għandhom jingħataw prijorità.
5. Il-formola tat-talba u d-dokumenti ta' sostenn kollha msemmija fl-Artikolu 13 kif ukoll kwalunkwe dokument rilevanti addizzjonali li l-Uffiċjal Awtorizzanti b'sottodelega jista' jitlob, għandhom jiġu ppreżentati preferibbilment fi żmien 6 ġimgħat wara li tkun saret l-attività u mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru tas-sena ta' wara l-attività (Sena N+1).
6. Jekk wieħed jonqos milli jissodisfa xi rekwiżit, dan se jirriżulta fit-telf ta' rimborż sħiħ jew parzjali jew ta' intitolament għall-pagament. Dan japplika wkoll jekk il-benefiċjarju jonqos milli jattendi l-attività.

#### *Artikolu 9*

#### **Post tar-residenza**

1. "Post ta' residenza ddikjarat" ta' benefiċjarju huwa l-post ta' residenza ewlieni tiegħu kif iddikjarat lill-Kumitat fil-formola tal-ħatra personali tiegħu, jew fin-nuqqas ta' dan, fuq il-formoli tal-Entità Legali u/jew tal-Identifikazzjoni Finanzjarja. Il-benefiċjarji għandu jkollhom post ta' residenza ddikjarat wieħed biss.
2. Il-membri u s-sostituti għandhom jiddikjaraw il-post ta' residenza ewlieni tagħhom fl-Istat Membru tagħhom fil-mument tal-ħatra tagħhom mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Kwalunkwe bidla għandha tiġi nnotifikata minnufih bil-miktub lill-Punt Uniku ta' Servizz.
3. Benefiċjarji oħra għandhom jiddikjaraw il-post ta' residenza tagħhom qabel il-bidu tal-attività eliġibbli li attendew għaliha.
4. L-Uffiċjal Awtorizzanti b'sottodelega jista' jitlob dokumentazzjoni rilevanti<sup>13</sup> biex jappoġġja l-post ta' residenza ddikjarat u jirrifjuta li jirrikonoxxi kwalunkwe post ta' residenza ddikjarat jekk id-dokumentazzjoni ta' sostenn ma tkunx biżżejjed.

---

<sup>12</sup> Meta tiġi pprovduta, il-lista tal-attendenza ġestita mis-servizz tal-Kumitat inkarigat mill-organizzazzjoni (konġunta) tal-attività għandha tkun disponibbli, f'forma analoga jew elettronika, għall-benefiċjarji biex jiffirmaw, minn ħmistax-il (15) minuta qabel il-bidu skedat tal-attività – l-aktar kmieni – sa tmiem dik l-attività.

<sup>13</sup> Id-dokumentazzjoni ta' sostenn tista' tikkonsisti minn kont tal-utilitajiet reċenti (ta' inqas minn 6 xhur) (eż. elettriku, ilma, gass) (iżda mhijiex limitata għaliha).

## Artikolu 10

### Rotot

1. L-ispejjeż tal-ivvjaġġar rimborżabbli u l-indennizzi pagabbli huma bbażati fuq l-aktar rotta ta' ritorn diretta bejn il-post ta' residenza ddikjarat tal-benefiċjarju u l-post tal-attività ("vjaġġ dirett").
2. L-aktar rotta diretta hija l-iqsar rotta stabbilita minn:
  - a) għal vjaġġi bl-ajru: l-ajruport l-eqreb għall-punt tat-tluq tal-benefiċjarju li jista' joħroġ biljett tal-ajru b'tariffa economy-flex jew l-aktar ajruport konvenjenti, waqt li jitqies ajruport ta' waqfa jekk applikabbli, u d-distanza totali bejn il-punt ta' tluq u d-destinazzjoni meta jintuża dan l-ajruport;
  - b) għal vjaġġi bil-ferrovija: l-aktar stazzjon tal-ferrovija konvenjenti qrib il-punt tat-tluq tal-benefiċjarju u d-distanza bejn dak l-istazzjon u d-destinazzjoni;
  - c) għal vjaġġi bil-karozza jew bil-baħar: id-distanza bejn il-punt tat-tluq tal-benefiċjarju u d-destinazzjoni.
3. Meta jibda l-funzjoni tiegħu jew ibiddel ir-residenza, il-benefiċjarju jiġi infurmat dwar l-ajruport, l-istazzjon tal-ferrovija, u l-maġġoranza tar-rotot diretti kkunsidrati.
4. Jekk il-benefiċjarji jibdeu jew itemmu l-vjaġġ tagħhom xi mkien ieħor, jew jieħdu rotta differenti ("vjaġġ indirett"), dawn jiġu rimborżati sal-prezz tal-vjaġġ dirett. Jekk l-ispejjeż tal-vjaġġ indirett ikunu aktar baxxi, jiġi rimborżat l-ammont l-aktar baxx. Din ir-regola tapplika wkoll jekk benefiċjarju jasal aktar minn 48 siegħa qabel jew jitlaq aktar minn 48 siegħa wara l-attività. Għall-ivvjaġġar lejn/minn Brussell, l-ispiża tar-rotta diretta hija bbażata fuq il-prezz ta' referenza jew l-itinerarju standard. Għall-ivvjaġġar lejn/minn postijiet esterni, il-benefiċjarju għandu jipprovi l-ispiża tal-ivvjaġġar dirett biex din titqabbel mat-talba għal rimborż tiegħu. Meta l-użu ta' mezzi ta' trasport aktar sostenibbli (ferrovija minflok karozza jew ajruplan) iwassal għal distanza itwal għall-vjaġġ dirett, dan tal-aħħar jitqies sabiex jiġi stabbilit l-indennizz b'rata fissa.
5. Jekk vjaġġ jiġi interrott għal aktar minn 24 siegħa mingħajr ma wieħed jattendi attività eliġibbli oħra, il-post ta' interruzzjoni jitqies bħala l-punt ta' oriġini tal-vjaġġ.
6. B'talba ġustifikata sew u b'approvazzjoni minn qabel mill-Uffiċjal Awtorizzanti b'sottodelega, l-ispejjeż tal-ivvjaġġar jistgħu jinkludu l-ispiża tal-ivvjaġġar bejn il-post ta' residenza ddikjarat tal-benefiċjarju u l-post tal-attività matul jiem konsekuttivi ta' attendenza f'attivitajiet eliġibbli ("vjaġġ obbligatorju"), jekk l-ivvjaġġar ikun meħtieġ għal obbligi relatati max-xogħol. Dan japplika biss għal vjaġġi ta' mill-inqas 100 km f'kull direzzjoni, u huwa limitat għal vjaġġ obbligatorju wieħed għal kull ġimgħa ta' xogħol. Il-vjaġġ obbligatorju ma jintitolax lill-benefiċjarju għal indennizz tal-ivvjaġġar.
7. Ir-regoli fil-paragrafi 5 u 6 ma japplikawx għall-President jew l-Ewwel Viċi President tal-Kumitat meta dawn jattendu attività eliġibbli.
8. Għal vjaġġi bejn żewġ postijiet tal-laqgħat, il-paragrafi 2 u 4 japplikaw kif adegwat.

## Taqsim B: Spejjeż tal-Ivvjaġġar

### Artikolu 11

#### Spejjeż ikkwalfikati

1. L-ispejjeż tal-ivvjaġġar jiġu rimborżati abbażi ta' verifika tal-attendenza u preżentazzjoni tad-

dokumenti tal-ivvjaġġar rilevanti u, fejn ikun adegwat, dokumenti ta' sostenn oħra kif deskritt fl-Artikolu 13.

2. L-ispejjeż tal-ivvjaġġar ikkwalifikati għal rimborż jistgħu jinkludu kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:
  - (a) Nollijiet tal-ajruplan;
  - (b) Nollijiet tad-dgħajjes, tal-ferrovija jew tal-karozzi tal-linja (“trasport pubbliku”);
  - (c) Indennizz kilometriku għall-ivvjaġġar bil-karozza mhux kopert mit-trasport pubbliku;
  - (d) Servizz ta' aġent tal-ivvjaġġar jew tariffi amministrattivi;
  - (e) Tariffi għall-bidla jew għall-kanċellazzjoni;
  - (f) Tariffi għall-viża għall-ivvjaġġar barra mill-UE
3. L-ispejjeż tat-taxi ġeneralment ma jiġux rimborżati. L-ivvjaġġar bit-taxi lejn/mid-dar, l-ajruporti, il-portijiet, jew l-istazzjonijiet lejn/mill-post tal-attività jiġi rimborżat bħala vjaġġ bil-karozza jekk ma jiġi pprovdut l-ebda trasport mill-Kumitat jew mill-organizzatur tal-avveniment.
4. L-ispejjeż tal-assigurazzjoni tal-ivvjaġġar jew tal-assigurazzjoni għall-kanċellazzjoni mhumiex rimborżabbli.
5. Meta benefiċjarji oħra (“passiġġieri”) jivvjaġġaw fl-istess karozza, l-indennizz kilometriku mħallas lill-benefiċjarju li huwa sid jew jikri l-karozza (“sewwieq”) għandu jiżdied b'20 % għal kull passiġġier. Il-passiġġieri ma jirċevux rimborż separat tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar għall-istess distanza.
6. Spejjeż anċillari bħall-fjuwil, il-pedaġġi, il-parkeġġ, il-kiri ta' karozza u l-assigurazzjoni huma inklużi fl-indennizz kilometriku.
7. Ma jingħata l-ebda rimborż għal (parti minn) vjaġġi li jużaw it-trasport ipprovdut mill-Kumitat jew mill-organizzatur tal-avveniment.

## *Artikolu 12*

### **Ammont ta' rimborż**

1. L-ispejjeż tal-ivvjaġġar għandhom jiġu rimborżati abbażi tal-ispejjeż effettivament imġarrba, sa massimu ta':
  - a. L-ivvjaġġar bl-ajru għall-membri, għas-sostituti u għall-osservaturi: it-tariffa business class imsemmija fil-paragrafu 2<sup>14</sup>.
  - b. L-ivvjaġġar bl-ajru għal kelliema mistiedna, esperti, partijiet terzi u ġurnalisti: tariffa economy flex;
  - c. L-ivvjaġġar bil-ferrovija jew bil-baħar: biljett tal-ewwel klassi;
  - d. L-ivvjaġġar bil-karozza: 0,40 EUR/km sa 1.000 km għal kull vjaġġ ta' tluq jew ta' ritorn, minbarra d-distanza fejn il-karozza tkun ittrasportata (eż. qsim bil-vapur), flimkien ma' dawn l-ispejjeż tat-trasport fejn ikun adegwat.
2. Għall-membri, għas-sostituti u għall-osservaturi, il-biljetti bbukkjati permezz tal-aġenzija tal-ivvjaġġar tal-Kumitat għandhom ikunu limitati għall-orħos tariffa business class disponibbli meta ssir il-prenotazzjoni<sup>15</sup>. Għall-biljetti bbukkjati direttament mal-kumpanija tal-ajru jew ma'

---

<sup>14</sup> Il-membri u s-sostituti huma mħeġġa jużaw il-bonus miles, il-punti jew benefiċċji ta' fedeltà oħra miġbura li kisbu bħala parti minn ivvjaġġar iffinanzjat mill-baġit tal-Kumitat, għall-ivvjaġġar futur imwettaq fl-eżerċizzju tal-mandat tagħhom.

<sup>15</sup> L-aġenzija tal-ivvjaġġar tal-Kumitat toħroġ biss biljetti li huma konformi ma' dawn ir-regoli, sakemm il-benefiċjarju ma jkunx qabel minn qabel li jħallas għad-differenza fl-ispiża bejn il-biljett tal-ivvjaġġar maħruġ u biljett tal-ivvjaġġar konformi. Għalhekk, dan jiżgura li l-benefiċjarju ma jġarrab ebda riskju finanzjarju f' dan ir-rigward bl-użu tal-aġenzija tal-ivvjaġġar tal-Kumitat.

aġenzija tal-ivvjaġġar oħra, ir-rimborż għandu jkun limitat għall-prezz ta' referenza massimu għall-vjaġġ bir-ritorn.

3. Għal dan l-għan, is-Segretarju Ġenerali għandu jadotta tabella ta' rotot u prezzijiet massimi ta' referenza bbażati fuq tariffi business class imnaqqa (klassi D), bejn Brussell u l-bliet ewlenin tal-UE. Il-prezzijiet ta' referenza massimi u r-rotot applikabbli huma daww i ppubblikati fil-ħin li jinxtara l-biljett. L-aġġornamenti għal din it-tabella huma effettivi 7 ijiem kalendarji wara l-komunikazzjoni tagħhom lill-membri u l-pubblikazzjoni tagħhom fuq il-Portal tal-Membri. Il-Punt Uniku ta' Servizz għandu jipprovi prezzijiet ta' referenza massimi għal rotot oħra fuq talba tal-benefiċjarju.
4. Għal benefiċjarji oħra, il-biljetti bbukkjati permezz tal-aġenzija tal-ivvjaġġar tal-Kumitat għandhom ikunu limitati għall-klassi economy-flex. Huma għandhom ikunu responsabbli lejn il-Kumitat għall-ispejjeż tal-biljett(i) ordnat(i), u kwalunkwe spiża li tirriżulta mill-kanċellazzjoni jew mill-modifika ta' dan/dawn il-biljett(i) wara li l-benefiċjarju jkun ikkonferma l-attendenza tiegħu lill-Kumitat, għandha titħallas mill-benefiċjarju. L-Uffiċjal Awtorizzanti b'sottodelega jista' jipprovi struzzjonijiet speċifiċi<sup>16</sup> lill-aġenzija tal-ivvjaġġar tal-Kumitat fir-rigward tal-prenotazzjonijiet magħmula għall-benefiċjarji għajr il-membri u s-sostituti, jekk id-dokumentazzjoni ta' sostenn ma tkunx biżżejjed.
5. Il-membri, is-sostituti u l-osservaturi li jużaw tariffi low-cost jew economy-class jistgħu jiġu rimborżati wkoll għal aċċess fast-lane, aċċess għall-business lounge u indennizz addizzjonali għall-bagalji meta dawn jinxtaw separatament.
6. Għal vjaġġi ta' inqas minn 400 kilometru u li ma jinkludux vjaġġ barra mill-pajjiż, ir-rimborż tal-biljett tal-ajru huwa limitat għall-ammont tal-istess vjaġġ bil-karozza bl-użu tal-aktar rotta diretta;
7. Għat-tranżazzjonijiet tal-aġenziji tal-ivvjaġġar, ir-rimborż huwa limitat għal EUR 40 (mingħajr VAT) għal kull vjaġġ ta' ritorn. It-tariffi tat-tranżazzjonijiet tal-aġenzija jridu jiġu elenkati separatament fuq il-fattura bin-numri tal-biljett korrispondenti. It-tariffi tal-aġenzija tal-ivvjaġġar ma għandhomx jitqiesu fl-applikazzjoni tal-prezzijiet ta' referenza massimi.
8. Għall-membri u għas-sostituti b'mandat kif dovut, l-ispejjeż għall-kanċellazzjoni jew l-ewwel bidla jew modifika tal-biljetti tal-ivvjaġġar li ma jiġux rimborżati minn parti oħra għandhom jiġu rimborżati mill-Kumitat, bil-kundizzjoni li l-bidla jew il-modifika tkun marbuta mal-funzjoni prinċipali tal-benefiċjarju u appoġġjata bl-evidenza. Spejjeż addizzjonali li huma kkawżati minn nuqqas ta' konformità mat-termini u l-kundizzjonijiet kuntrattwali mhux se jiġu rimborżati mill-Kumitat.

### *Artikolu 13*

#### **Dokumentazzjoni ta' sostenn**

1. Għar-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar bl-ajru, bil-ferrovija jew bil-baħar, għandhom jiġu mehmuża mat-talba d-dokumenti ta' sostenn li ġejjin, li jinkludu l-isem tal-benefiċjarju jew li jinħarġu f'ismu:

---

<sup>16</sup> Pereżempju, li tintalab assigurazzjoni għall-kanċellazzjoni jew il-forniment ta' data finanzjarja tal-benefiċjarju.

- (a) Il-biljett(i)<sup>17</sup> u l-karta/karti tal-imbarkazzjoni kollha jew prova elettronika tal-użu tal-biljetti relatati mal-ispejjeż tal-ivvjaġġar, inklużi l-biljetti oriġinali meta dawn ikunu nbidlu jew ġew modifikati;
- (b) Il-fattura/fatturi dettaljata/dettaljati relatata/relatati ma' dan/dawn il-biljett(i);
- (c) Il-kupun mingħand l-aġent jew it-ticket mask li turi l-prezz reali tal-“bażi tat-tariffa” u l-prezz u t-taxxi effettivament imħallsa.

Madankollu, jekk il-biljetti jiġu pprenotati permezz tal-aġenzija tal-ivvjaġġar tal-Kumitat, il-fattura korrispondenti tintbagħat lis-Servizz Finanzjarju tal-Kumitat għas-saldu u mhuwiex meħtieġ li jintbagħtu l-biljetti tal-imbarkazzjoni jew il-biljetti-itinerarji/irċevuti elettroniċi tat-titjiriet għal dawk il-biljetti.

2. Ir-rimborż għall-pakketti tal-ivvjaġġar li jinkludu l-ivvjaġġar u l-lukandi għandu jiġi eskluż jekk il-prezz tal-biljett(i) u l-prezz tal-lukanda (għal kull lejl) ma jiġux elenkati fuq bażi individwali.
3. Għall-ħlas tal-indennizz kilometriku, għandhom jiġu mehmuża d-dokumenti ta' sostenn li ġejjin mat-talba:
  - (a) Fatturi għall-ispejjeż tal-kiri tal-karozzi jew għat-taxi, meta applikabbli;
  - (b) Dokumenti li jagħtu prova tal-itinerarju bil-karozza (data u rotta) jekk il-kilometraġġ jaqbeż il-250 kilometru;
  - (c) L-ismijiet u l-funzjonijiet tal-benefiċjarji li jivvjaġġaw fl-istess karozza biex jattendu attività eliġibbli, meta applikabbli.
4. Għar-rimborż tal-ispejjeż ta' kanċellazzjoni mhux koperti minn parti terza, għandhom jiġu mehmuża mat-talba d-dokumenti ta' sostenn li ġejjin:
  - (a) L-irċevuti fatturati u tal-ħlas għall-biljetti;
  - (b) Id-dokumenti li juru kwalunkwe bidla jew tariffa ta' kanċellazzjoni, jew rifiżjonijiet parzjali mill-fornituri tas-servizzi, li jelenkaw l-ammonti b'mod ċar;
  - (c) Id-dokumenti li jagħtu prova tas-sitwazzjoni li kienet tirrikjedi modifika jew kanċellazzjoni.
5. It-tariffi tal-viża għall-ivvjaġġar barra mill-UE għandhom jiġu rimborżati wara li tiġi ppreżentata prova tal-infiq.
6. Il-fatturi għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar iridu jikkonformaw mal-liġi tal-pajjiż emittenti. Tista' tkun meħtieġa prova tal-pagament.
7. Jekk tiġi ppreżentata kopja (stampata jew elettronika), il-benefiċjarju jrid iżomm l-oriġinal sa tmiem is-sena ta' wara (Sena N+1).
8. L-ebda tibdil, tħassir jew żieda mhija permessa fid-dokumenti ta' sostenn. Informazzjoni deliberatament mhux preċiża, falza jew qarrieqa, jew li tipprovdi dokumenti mibdula, foloz jew iffalsifikati, tirriżulta fil-konfiska ta' rimborż u/jew intitolamenti għall-pagament.

## **Taqsim C: Indennizz għall-parteciċipazzjoni f'laqgħa**

### *Artikolu 14*

#### **Intitolament għall-indennizz għall-parteciċipazzjoni f'laqgħa**

1. Għandu jingħata indennizz fiss għall-parteciċipazzjoni f'laqgħa għal kull jum ta' parteciċipazzjoni ta' benefiċjarju f'attività eliġibbli tal-Kumitat. L-indennizz għall-parteciċipazzjoni f'laqgħa għandu

<sup>17</sup>

Għan-nollijiet tal-ajruplani, it-terminu “biljett” għandu jinfiehem bħala biljett tal-passiġġieri skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1) tal-Konvenzjoni għall-Unifikazzjoni ta' Ċerti Regoli dwar it-Trasport Internazzjonali bl-Ajru ffirmata f'Varsavja fit-12 ta' Ottubru 1929.

jkopri fuq bażi ta' rata fissa t-tipi kollha ta' spejjeż fil-post tal-laqqgħa għal jum kalendarju, inkluż lejl wieħed fil-post tal-laqqgħa jew matul il-vjaġġ.

2. Għall-partijiet terzi, l-ammont tal-indennizz għall-parteciċipazzjoni f'laqqgħa huwa stabbilit għal 70 % tal-indennizz għall-parteciċipazzjoni f'laqqgħa għall-membri tal-Kumitat.
3. Għall-membri u għas-sostituti b'mandat kif dovut, għandu jitħallas indennizz ugwali għall-indennizz għall-parteciċipazzjoni f'laqqgħa għal massimu ta' jumejn ta' xogħol li jimla l-vojt bejn żewġ laqgħat bi preżenza fiżika ("jiem liberi"), meta din is-soluzzjoni tkun inqas għalja mir-rimborż li għalih kien ikun intitolat il-benefiċjarju li jagħmel vjaġġ bir-ritorn bejn dawk il-laqgħat.
4. Jekk il-benefiċjarju jingħata akkomodazzjoni minn parti oħra, l-ammont tal-indennizz għall-parteciċipazzjoni f'laqqgħa pagabbli għandu jkun limitat għal 50 % tal-ammont tal-indennizz li normalment kien jitħallas għall-parteciċipazzjoni tiegħu fil-laqqgħa.

#### *Artikolu 15*

### **Ammont tal-indennizz għall-parteciċipazzjoni f'laqqgħa**

L-ammont ta' somma f'daqqa għall-attenzenza fiżika ta' attività eliġibbli għall-membri huwa stabbilit mill-Bureau.

#### *Artikolu 16*

### **Indennizz għall-parteciċipazzjoni f'laqqgħa mill-bogħod**

Il-membri u s-sostituti b'mandat kif dovut, li jattendu l-laqqgħat mill-bogħod skont ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat<sup>18</sup> għandhom ikunu intitolati għal indennizz fiss għall-parteciċipazzjoni f'laqqgħa mill-bogħod li jkopri l-ispejjeż kollha li jġarrbu biex jattendu dawn il-laqqgħat mill-bogħod. L-esperti tar-relaturi u l-kelliema mistiedna li jattendu laqqgħat mill-bogħod għandhom ikunu intitolati wkoll għall-indennizz fiss għall-parteciċipazzjoni f'laqqgħa mill-bogħod.

L-indennizz fiss għall-parteciċipazzjoni f'laqqgħa mill-bogħod għandu jkun ekwivalenti għal 50 % tal-indennizz ta' kull jum ta' laqqgħa applikabbli għall-attenzenza f'laqqgħat bi preżenza fiżika.

## **Taqsim D: Indennizz tal-ivvjaġġar**

#### *Artikolu 17*

### **Intitolament għall-indennizz għall-parteciċipazzjoni f'laqqgħa**

1. Il-membri, is-sostituti b'mandat kif dovut u l-osservaturi, il-kelliema mistiedna u l-esperti tar-relatur li jibbenefikaw mir-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar tagħhom għall-attenzenza fiżika tagħhom f'attività eliġibbli mill-Kumitat skont dawn ir-regoli għandhom ikunu intitolati għal indennizz fiss tal-ivvjaġġar maħsuba biex ikopru l-ispejjeż kollha relatati mal-ivvjaġġar għal dak l-ivvjaġġar (jew parti minnu), minbarra l-ispejjeż tal-viża.
2. Għall-membri, għas-sostituti u għall-osservaturi, l-amministrazzjoni tal-Kumitat għandha tistabbilixxi d-distanza tal-vjaġġ għall-aktar rotta diretta mill-post ta' residenza ddikjarat lejn is-sede tal-Kumitat fi Brussell, li għandha tintuża fil-kalkolu tal-indennizzi adegwati. Dawn il-valuri jibqgħu fissi għat-tul kollu tat-terminu tagħhom, ħlief f'ċirkostanzi speċifiċi:

<sup>18</sup> Kif imsemmi fl-Artikolu 85 tar-Regoli ta' Proċedura.

- Bidla fir-residenza;
  - Bidliet fir-regoli li jaffettwaw l-indennizz tal-ivvjaġġar;
  - Nuqqas ta' disponibbiltà tar-rota tal-ivvjaġġar ikkalkulata oriġinarjament minħabba bidliet fl-iskedi tat-titjiriet;
  - Bidliet sinifikanti oħra li jaffettwaw il-bażi tad-distanza stabbilita fil-bidu.
3. Għall-membri, għas-sostituti u għall-osservaturi li jipparteċipaw f'attivitajiet barra minn Brussell, l-indennizzi tal-ivvjaġġar jiġu stabbiliti fuq bażi individwali għall-aktar vjaġġ ta' ritorn dirett.
  4. Għall-kelliema mistiedna u l-esperti tar-relatur, l-indennizzi tal-ivvjaġġar jiġu ddeterminati għall-aktar vjaġġ ta' ritorn dirett.

#### *Artikolu 18*

#### **Kalkolu tal-indennizz tal-ivvjaġġar**

1. L-indennizz għad-distanza tal-ivvjaġġar għandu jiġi stabbilit skont id-distanza tal-aktar rotta ta' ritorn diretta bejn il-post ta' residenza ddikjarat tal-benefiċjarju u l-post(ijiet) tal-laqgħa:

<b>Distanza tal-vjaġġ tar-ritorn</b>	<b>Numru korrispondenti ta' unitajiet ta' referenza</b>
Minn 0 km sa 200 km	0
Minn 201 km sa 400 km	0.75
Minn 401 km sa 1,000 km	1
Minn 1,001 km sa 2,000 km	1.5
'Il fuq minn 2,000 km	2

2. Għal vjaġġ wieħed, l-indennizz tal-ivvjaġġar jiġi stabbilit għal 50 % tal-aktar vjaġġ bir-ritorn dirett.

#### *Artikolu 19*

#### **Ammont tal-indennizz tal-ivvjaġġar**

Unità ta' referenza waħda skont l-Artikolu 18 tikkorrispondi għal ammont ta' EUR 200.

### TITOLU III IMPLIMENTAZZJONI

#### Artikolu 20

#### Trasferiment bankarju, muniti u rata ta' konverżjoni

1. Il-pagamenti għandhom isiru permezz ta' trasferiment bankarju fil-kont bankarju indikat mill-benefiċjarju. Il-kont bankarju għandu jinżamm fil-pajjiż tal-post ta' residenza ddikjarat tal-benefiċjarju. F'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, l-Uffiċjal Awtorizzanti b'sottodelega jista' japprova kont bankarju f'pajjiż ieħor.
2. L-ammonti għandhom jiġu kkalkulati u l-pagamenti għandhom isiru f'euro, sakemm il-benefiċjarju li jkollu l-post ta' residenza ddikjarat tiegħu fi Stat Membru jew pajjiż li ma jappartjenix għaż-żona tal-euro jitlob pagament fil-munita ta' dak il-pajjiż. Il-konverżjoni ta' muniti li mhumiex l-euro għandha ssir skont ir-rata tal-kambju ppubblikata kull xahar mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni Ewropea (InforEuro).
3. Il-Kumitat għandu jħallas l-ispejjeż tat-trasferimenti bankarji. Il-benefiċjarji li jkunu ġarrbu tariffi bankarji għall-pagamenti riċevuti mill-Kumitat jistgħu japplikaw għar-rimborż ta' dawn l-ispejjeż billi jipprovdu dokumenti ta' sostenn li jiddikjaraw l-ammonti reali mħallsa.

#### Artikolu 21

#### Trasparenza

1. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe obbligu li tiġi żvelata informazzjoni, dokumenti jew data personali li l-Kumitat jista' jintalab jissodisfa skont id-dritt tal-Unjoni jew skont ir-regoli interni tiegħu, l-attenzenza ta' parteċipant f'attività, inkluż jekk jirċevix xi rimborż jew ħlas mill-Kumitat jew le skont dan ir-Regolament, tista' tiġi żvelata fil-kuntest tal-approvazzjoni ta' kwalunkwe applikazzjoni relatata għal aċċess għal dokument. Il-parteċipant għandu jiġi infurmat bil-miktub b'dan l-iżvelar.
2. Is-somma/somom reali rimborżata/rimborżati jew imħallsa lil parteċipant għandha/għandhom tiġi/jiġu eskluża/esklużi mid-divulgazzjoni sakemm il-parteċipant ma jkunx ta l-kunsens bil-miktub tiegħu minn qabel. Dan ma għandux japplika jekk il-persuna li tapplika għal aċċess għal dokument tkun stabbiliet li l-informazzjoni hija meħtieġa għal skop speċifiku fl-interess pubbliku, u l-Kumitat ikun stabbilixxa li huwa proporzjonat li dik l-informazzjoni tiġi trażmessa għal dak l-għan speċifiku.

#### Artikolu 22

#### Ċirkostanzi eċċezzjonali

1. Meta benefiċjarju jkun ġarrab spejjeż addizzjonali eċċezzjonali bħala riżultat ta' *force majeure*<sup>19</sup>, dawn l-ispejjeż jistgħu jiġu rimborżati, bl-appoġġ ta' dokumenti ta' sostenn rilevanti, u wara

---

<sup>19</sup> *Force majeure* għandha tinftiehem bħala sitwazzjoni, avveniment jew ċirkostanza straordinarja li ma kinitx prevedibbli u li ma kinitx fil-kontroll tal-benefiċjarju, bħal gwerri, strajk, rewwixta, reat, epidemija jew diżastru naturali, li l-effetti tagħhom ma setgħux jiġu pprevenuti minkejja l-aħjar sforzi tal-benefiċjarju.

approvazzjoni bil-miktub mis-Segretarju Ġenerali, wara riferiment mill-Uffiċjal Awtorizzanti b'sottodelega.

2. F'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, fejn il-membri u s-sostituti b'mandat kif dovut jkollhom iħallsu rati partikolarment għoljin għal-lukandi magħżula mill-Kumitat jew mill-koorganizzaturi f'laqgħat li ma jsirux fis-sede, jew fejn ikunu qed jirrappreżentaw lill-Kumitat u l-indennizz normali għall-parteċipazzjoni f'laqgħa u l-indennizz tal-ivvjaġġar ma jkunux biżżejjed biex ikopru l-ispejjeż, jistgħu jingħataw żieda fl-indennizz għall-parteċipazzjoni f'laqgħa. It-talba għal żieda bħal din tista' tingħata mis-Segretarju Ġenerali wara konsultazzjoni mill-Uffiċjal Awtorizzanti b'sottodelega, dment li tiġi ppreżentata dokumentazzjoni ta' sostenn. Madanakollu, l-indennizz għall-parteċipazzjoni f'laqgħa ma jistax jiżdied b'aktar minn 30 %.
3. Kwalunkwe każ mhux kopert minn dan ir-Regolament jew kwalunkwe talba debitament ġustifikata għal deroga mir-regoli f'ċirkostanzi eċċezzjonali tista' tiġi riferuta mill-Uffiċjal Awtorizzanti b'sottodelega lis-Segretarju Ġenerali għal deċiżjoni.
4. Benefiċjarju li t-talba tiegħu skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu ma tkunx ġiet approvata mis-Segretarju Ġenerali jista' jappella dik id-deċiżjoni lill-President. It-talba għall-appell għandha titressaq quddiem il-President fi żmien xahar min-notifika tad-deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali.

#### *Artikolu 23*

#### **Indiċjar**

Soġġett għall-appropriazzjonijiet baġitarji disponibbli, l-ammont imsemmi fl-Artikolu 15 jista' jiġi indiċjat darba fis-sena mill-Bureau sa żieda massima ugwali għar-rata annwali tal-inflazzjoni fl-Unjoni Ewropea f'Ottubru tas-sena ta' qabel, kif ippubblikata mill-Eurostat. Id-deċiżjoni tal-Bureau għandha tiġi adottata fl-ewwel laqgħa tiegħu tas-sena, wara konsultazzjoni mas-CFAA, u ma għandhiex tiġi applikata b'mod retroattiv.

#### *Artikolu 24*

#### **Miżuri ta' implimentazzjoni**

Is-Segretarju Ġenerali jista' joħroġ struzzjonijiet jew jadotta miżuri ta' implimentazzjoni biex jispeċifika aktar u jagħti effett lil kwalunkwe dispożizzjoni ta' dan ir-Regolament, f'konformità ma' dan tal-aħħar u wara li jikkonsulta mas-CFAA. Dan jinkludi l-arranġamenti għall-kejl tad-distanzi.

#### *Artikolu 25*

#### **Dispożizzjonijiet finali**

1. L-ammont imsemmi fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Bureau 440/2024 għandu jkompli japplika b'mod tranżitorju sakemm il-Bureau jiffissa ammont ġdid skont l-Artikolu 23 ta' dan ir-Regolament.
2. Ir-Regolamenti tal-Bureau Nru 12/2007, Nru 8/2017, Nru 9/2017, Nru 2/2018, Nru 5/2023 kif ukoll id-Deċiżjoni tal-Bureau Nru 440/2024 huma b'dan imħassra. Ir-referenzi għal kwalunkwe Regolament u Deċiżjoni mħassra f'atti u dokumenti oħra tal-Kumitat għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.
3. Id-Deċiżjoni Nru 204/2018 tas-Segretarju Ġenerali, kif emendata, ma għandux ikollha aktar effett.
4. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-26 ta' Jannar 2025.

Magħmul fi Brussell, 19 ta' Novembru 2024.

*(iffirmat)*

*Għall-Bureau*

Vasco Alves Cordeiro